**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 15 ta' Marzu, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 863/2019 AF**

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**vs**

**Alfred Camilleri u Geraldine Camilleri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tal-bank attur Bank of Valletta p.l.c., li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 14 ta' Frar 2007, in atti Nutar Malcolm Mangion (Dok. A) u fl-iskrittura privata datata 7 ta' Marzu 2007 (Dok. B), is-socjetà attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Alfred Camilleri u Geraldine Camilleri.

Is-socjetà attrici tinsab kreditrici ta' Alfred Camilleri u Geraldine Camilleri fis-somma ta' mija u erbghin elf u tmienja u ghoxrin Ewro u tlettax-il centezmu (€140,028.13) bilanc ghad-debitu fil-"*House u Overdraft Loan Accounts*" ta' Alfred Camilleri u Geraldine Camilleri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. C1 sa C3, Dok. D1 – D4 u Dok. E1 sa E2) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-4 ta' Lulju 2019 sad-data tal-effettiv pagament.

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skrittura privata fuq imsemmija (u hawn esibiti bhala Dok. A u B), partikolarment imma mhux esklussivament billi Alfred Camilleri u Geraldine Camilleri,

(a) Naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura privata;

(b) Kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura privata sopraindikat, u/jew,

(c) Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Alfred Camilleri u Geraldine Camilleri li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenuti Alfred Camilleri u Geraldine Camilleri gew interpellati permezz ta' ittra ufficcjali datata 30 ta' Novembru 2016, li kopja taghha qed tigi hawn esibita u mmarkata Dok. F,

sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skrittura privata fuq imsemmija (u hawn esibiti bhala Dok. A u Dok. B), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Alfred Camilleri u Gerladine Camilleri,

   (a) Naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura privata;

   (b) Kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura privata sopraindikat, u/jew,

   (c) Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Alfred Camilleri u Geraldine Camilleri li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici.

2. Tikkundanna lil Alfred Camilleri u Geraldine Camilleri ihallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lis-socjetà attrici is-somma ta' mija u erbghin elf u tmienja u ghoxrin Ewro u tlettax-il centezmu (€140,028.13) bilanc ghad-debitu fil-"*House u Overdraft Loan Accounts*" ta' Alfred Camilleri u Geraldine Camilleri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. B1 sa B3) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-4 ta' Lulju 2019 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali datata 30 ta' Novembru 2016 (Dok. F) kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi prezentat kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Di più, in vista tal-Ordni tal-Iffrizar mahruga kontra Alfred Camilleri il-mittenti tinfurmak li l-pagamenti minnkom mitluba jistghu jigu accettati mill-Bank biss wara li intom tottjenu d-debita awtorizzazzjoni mill-Qorti kompetenti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi minkejja li debitament notifikat, il-konvenut ma ppreżenta l-ebda risposta għat-talbiet miġjuba kontrih.

Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenuta Geraldine Camilleri, li permezz tagħha eċċepiet illi:

L-esponenti tissottometti li l-pretensjonijiet tas-socjetà rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza odjerna, illi kien lil hinn mill-kontroll tal-esponenti kwalunkwe morozità jew nuqqas li seta' sar da parti taghha u ghalhekk certament dan ghandu jittiehed in konsiderazzjoni in kwantu ghal spejjez relatati mal-proceduri odjerni.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ghandha kull intenzjoni li tonora l-obbligi precedentement assunti minnha u ghalhekk ghandha tinghata l-opportunità sabiex taghmel dan.

Dan salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat li din tal-lum hija kawża għall-ħlas ta' bilanċ ta' kreditu dovut bis-saħħa ta' kuntratt tal-14 ta' Frar 2007 u skrittura privata ossia *sanction letter* tas-7 ta' Marzu 2007. Permezz ta' dawn il-proċeduri, il-Bank attur qiegħed jitlob il-ħlas tal-bilanċ kollu tal-faċilitajiet bankarji mogħtija lill-konvenuti, inkluż l-imgħaxijiet, għaliex jgħid li l-istess ma żammux mal-obbligazzjonijiet li ntrabtu bihom minħabba morożità fil-pagamenti.

Jirriżulta li l-konvenut, minkejja li debitament notifikat bl-atti tal-kawża, ma ppreżenta l-ebda risposta għat-talbiet attriċi. Huwa stabbilit illi l-kontumaċja ma tfissirx u ma tistax tiġi ekwiparata ma' ammissjoni. Infatti kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet Blye Engineering Co. Ltd vs Philip Borg Bellanti et, deċiża fit-22 ta' Ġunju 2005, mill-Qorti tal-Appell Inferjuri,

*"... huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35."*

Hekk ukoll, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Avukat Dottor Tonio Fenech noe vs Interdrive Limited et, tat-30 ta' Novembru 2015 qalet hekk:

*"L-istitut tal-kontumacja huwa mibni fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghall-pretensjonijiet u ghat-talbiet tal-attur, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala att li jisthoqqlu piena u cioè dik li ma jkunx jista' jressaq provi (ara: App. Kumm. - 21.5.1993 – "__**Vella pro et noe vs Vella**__" (__**Kollez. Vol. LXXVII.ii.170**__). Min-naha l-ohra, minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumacja ggib maghha, il-Qrati taghna hadu l-linja illi r-rigorosità tal-procedura ghandha tigi applikata u mfissra b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista' jammonta ghal htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikultà li l-kontumacja titqies gustifikata (ara: P.A. - 4.7.1991 – "__**Vella pro et noe vs Ellul**__" (__**Kollez. Vol. LXXV.iii.729**__).*

*Dan premess, inghad ghal diversi drabi mill-qrati taghna illi l-kontumacja m'ghandhiex titqies bhala ammissjoni da parti ta` konvenut tat-talbiet tal-attur. (ara: __**Kollez. Vol. XXIX.iii.35**__). Ghall-kuntrarju, il-kontumacja dejjem tqieset bhala kontestazzjoni u hekk baqghet meqjusa anke wara l-emendi ghal-ligi tal-procedura li dahlu bl-Att XXIV tal-1995. Ghalhekk jispetta dejjem ghall-gudikant illi jezamina jekk it-*

*talba hijiex gustifikata u dan indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut."*

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-partijiet kienu ffirmaw kuntratt nhar l-14 ta' Frar 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Malcolm Mangion li permezz tiegħu l-bank attur ikkonċeda faċilità bankarja lill-konvenuti fis-somma komplessiva ta' Lm33,000. Din il-faċilità żdiedet skont is-*sanction letter* tas-7 ta' Marzu 2007 meta l-konvenuti ngħataw ukoll faċilità ta' *overdraft* ta' Lm3,000.

Mhux kontestat illi l-konvenuti waqfu milli jagħmlu pagamenti kif stipulat fil-kuntratt u fis-*sanction letter*. Il-konvenuti ġew interpellati permezz ta' ittra ufficcjali tat-30 ta' Novembru 2016 sabiex iħallsu d-dejn li għandhom mal-bank iżda dawn baqgħu inadempjenti. Dakinhar illi saret din il-kawża, is-somma komplessiva dovuta inkluż imgħax kienet tlaħħaq mal-€140,028.13. Il-bank attur qed jitlob ukoll imgħax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Da parti tagħha, il-konvenuta teċċepixxi li kwalunkwe morożità kienet lil hinn mill-kontroll tagħha u dan għandu jittieħed in konsiderazzjoni għal finijiet tal-kundanna dwar l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri. Teċċepixxi wkoll li għandha kull intenzjoni li tonora l-obbligi assunti minnha u li għalhekk għandha tingħata opportunità li tħallas.

Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li *'il-ħtija fil-każ ta' inadempjenza ta' obbligazzjoni hija nsita fl-inadempjenza stess, ammenokke l-parti inadempjenti ma tippruvax il-każ fortuwitu jew il-forza maġġuri, jew raġuni oħra ta' eżenzjoni mir-responsabilità'* (Nicola Callus et vs Nicolina Farrugia, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ġunju 1959. Ara wkoll Joseph Mallia et vs JD Lifts Supplies Limited, deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-14 ta' Diċembru 2006).

Mill-atti jirriżulta li l-konvenut jinsab għaddej minn proċeduri kriminali. Permezz ta' digriet tas-26 ta' Diċembru 2017, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja fl-atti tal-kumpilazzjoni numru 575/2017 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alfred Camilleri ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali

tal-flejjes u proprjetà mobbli tal-konvenut a tenur tal-artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering.

Jirriżulta wkoll li fuq talba ta' terzi kredituri inbiegħet bis-subbasta l-proprjetà immobbli tal-konvenuti u ċioè l-appartament bin-numru 1 formanti parti minn blokk bl-isem 'Mon Cheri', bla numru, fi Triq L. Zamenhoff, Msida. Nhar l-4 ta' Awwissu 2020 il-proprjetà ġiet liberata bil-prezz ta' €165,000 favur il-bank attur '*animo compensandi*'. Il-bank attur għadda biex iddepożita din is-somma taħt l-awtorità tal-Qorti.

Permezz ta' rikors tas-7 ta' Settembru 2020 fl-atti tal-imsemmija subbasta, il-bank attur talab sabiex jiżbanka s-somma ta' €151,854.20 dovut lilu sa dakinhar mingħand il-konvenuti. Permezz ta' digriet tad-19 ta' Jannar 2021 din il-Qorti diversament presjeduta rriservat li tipprovdi dwar ir-rikors fi stadju ulterjuri peress li hemm ordni ta' iffriżar fuq l-assi tal-konvenut. Għalhekk, jirriżulta li l-bank attur għadu ma tħallas xejn mill-ammont dovut lilu mingħand il-konvenuti.

Jidher illi l-konvenuta ma taħdimx u m'għandhiex minn fejn tħallas. Fl-affidavit tagħha tispjega kif fl-2008 hi u l-konvenut ma kellhomx aktar flus biex iħallsu lill-bank u li kienu waslu f'arranġament miegħu dwar il-pagamenti. Tkompli billi tispjega illi meta l-assi tal-konvenut ġew iffriżati hi ma setgħetx tħallas aktar u li l-konvenut qatt ma wera interess illi jsolvi l-problemi finanzjarji li sabu ruħhom fihom.

Filwaqt illi l-konvenuta tgħid ukoll illi l-konvenut kien qalilha li kien ipprova jitlob illi titneħħa l-ordni ta' iffriżar sabiex ikun jista' jitħallas il-bank, hija ma ġabitx prova li saret din it-talba u lanqas illi verament hemm xi assi li jistgħu jissaldaw id-dejn mal-bank ħlief l-appartament li għalkemm ġie liberat favur il-bank '*animo compensandi*', il-bank għadu ma jistax jiżbanka l-prezz li bih l-appartament ġie liberat.

Fuq kollox, il-Qorti tinnota li l-konvenuti waqfu jħallsu lill-bank qabel ma ġew iffriżati l-assi tal-konvenut.

Fid-dawl ta' dan kollu u ġialadarba l-provi miġjuba mill-bank attur ma ġewx kontradetti, il-Qorti ssib illi l-eċċezzjonijiet tal-

konvenuta m'humiex mistħoqqa u t-talbiet dedotti fir-rikors ġuramentat jimmeritaw li jiġu akkolti.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi bl-ispejjeż kif mitluba kontra l-konvenuti.

IMHALLEF

DEP/REG